**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.M. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**Brigitte Pace**

Illum 9 ta' Marzu 2001.

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Brigitte Pace ta' tlieta u tletin sena, mart Carmel, bint Anthony Mangion u Josephine nee` Galea, imwielda l-Imtarfa fit-22 t'April 1967 u residenti fil-fond Nru 148, Triq Manwel Dimech, Sliema (Karta ta' l-Identita` Nru. 162667 M) akkuzata talli fl-4 ta' Settembru 1995 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, kellha fil-pusess taghha d-droga Heroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienetx f'pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' jew is-sitt taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienetx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija, u meta ma kienetx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga fil-pussess taghha, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmijin u bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi G.N. 292/1939 kif sussegwentement amendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ta' l-20 ta' Marzu 2000 sabiex l-akkuzata titressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex twiegeb ghall-akkuza kontra taghha ghal ksur tal-provvedimenti tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Rat illi l-akkuzata ma rregistrat l-ebda oggezzjoni sabiex il-kaz taghha jkun trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fis-seduta tal-lum;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuza kif dedotta kontra taghha;

Wara li rat l-Artikoli GN 292/1939 Regolament Nru 8, ir-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Kap 101;

Tilliberaha taht il-provvediment ta’ l-artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma taghmilx rejat iehor fi zmien sentejn mill-lum.

Il-Qorti fehmet l-import tas-sentenza lill-imputata.

MAGISTRAT